**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

## IL-ĦADD, 22.11.09: SOLENNITA' TA' ĠESU' KRSTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU.

### JUM IL-KARITA'

### GHELUQ TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU DJOCESAN

**Fil-10.30a.m.** Quddiesa għat-Tfal kollha li fiha jieħdu sehem attiv fl-okkażjoni tal-Jum dinji tat-Tfal.

Wara se jkollhom diversi attivitajiet fil-Pjazza tal-knisja organizzati mill-Kunsill Lokali.

**Fit-3.30p.m**. titlaq ix-xarabank biex nieħdu sehem fil-funzjoni f'ġieħ Kristu Sultan u li fiha wkoll se jsir l-għeluq tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan.

Kulħadd huwa mistieden biex jieħu sehem. Huma mistiedna speċjali l-fratelli u t-Tfal li din is-sena se jagħmlu l-Ewwel Tqrabina.

**Nota:** ***Illum mhux se jkun hawn quddies filgħaxija billi rridu nieħdu sehem fil-funzjoni tal-Kungress***.

**It-TNEJN, 23.11.09**: Fis-6.45p.m. se jsir High Tea organizzat mill-parroċċa. Dan ikun fid-Dar Parrokkjali.

**IT-TLIETA, 24.11.09: Fis-6.30p.m.** Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Dan jiltaqa fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦAMIS,** Kull nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' fil-għaxija jkollna ftit ħin ta' Adorazzjoni u riflessjoni li mbagħad tagħlaq bit-Talba ta' Għeluq il-Jum. Nistiednu iktar nies jieħdu sehem.

**IS-SIBT, 28.11.09: LAQGĦA GĦALL-KOPPJI.**

**Fis-6.45p.m.** se ssir laqgħa għall-Koppji miżżewġin li żżewġu f'dawn l-aħħar ħames snin.

Din tkun fid-Dar Parrokjali. Inħeġġu lil dawn il-koppji biex jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat apposta għalihom.

**Fis-615** tibda l-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati li dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa ta' Kerċem.

**IL-ĦADD, 29.11.09: L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT.**

Illum tibda s-Sena Liturġika. Is-sena tal-Knisja, li tibda bil-Ħdud ta' l-Avvent bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tat-twelid ta' Ġesu' fil-Milied.

### OFERRTA GĦALL-KARITA'

Dawk li għadhomx ma tefgħux l-offerta tagħhom għall-karita' fil-kaxxi tal-knisja jistgħu jagħmlu dan sal-lum.

### Rappreżentazzjoni fis-Seminarju

Is-Sibt, 21 u l-Ħadd 22 ta' Novembru, fis-Seminarju se jkun hemm rappreżentazzjoni ta' play fuq il-palk li hija divertenti ħafna.

Min jixtieq imur jaraha jkun qed jgħin ukoll lis-Smeinarju. Il-Ħin ikun fis-7.00p.m.

### Rappreżentazzjoni oħra fl-Oratorju

Nhar is-Sibt, 28 ta' Novembru se ssir rappreżentazzjoni ta' Kummiedja fl-Oratorju Don Bosco. Il-ħin se jkun fis-7.30p.m.

### TKOMPLIJA TAR-RESTAWR

Wara li lestejna r-restawr tal-koppla minn barra, issa qegħdin nagħmlu wkoll restawr fil-bini tal-knisja minn barra. Dan qed isir billi kien hemm diversi fili miftuħin fil-kampnari u fil-ħitan ta' barra li jista joħloq problema bl-ilma tax-xita.

Ma dawn ukoll qed issir tiswija tal-bjut tal-knisja u anke ta' lokalitajiet oħra tal-parroċċa.

**Wara l-Kungress Ewkaristiku:**

Wara li għamilna dan il-Kungress, tħoss iktar il-ħtieġa ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tiegħek ta' kuiljum ?